**7 ta' Novembru, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Rosaria Attard armla ta' John Baptist, Marie Therese mart Joseph Caruana, Joseph Attard, Caterina mart Ignatius Zammit, Salvina, xebba, f'isimha proprju u bil-prokura ta' ħutha l-imsiefrin, Maria Carmela Attard, Angela mart Edward Aston u Maria Anna mart Edward Galea, aħwa Attard ulied l-istess Rosaria Attard u l-mejjet John Baptist u b'digriet tat-18 ta' Frar, 1980 stante l-mewt ta' l-attriċi Rosaria Attard il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem l-atturi l-oħra kollha barra l-istess Rosaria Attard bħala l-eredi tagħha

*versus*

Joseph Farrugia għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta Grand Hotel Verdala Limited u b'nota ippreżentata fis-17 ta' Frar, 1984 fl-udjenza

l-Avv. Dr. Albert Manchè u Joseph Zammit Tabona assumew l-atti tal-kawża f'isem u għan-nom tas-soċjetà konvenuta bħala ko-likwidaturi ta' l-istess soċjetà konvenuta minflok il-konvenut Joseph Farrugia

## Mewt - Danni Konsegwenti Minn - *Factor of Safety*

*Il-Qorti sabet lis-soċjetà konvenuta responsabbli għall-mewt ta' impjegata u llikwidat il-kumpens.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew li fil-15 ta' Novembru, 1977, l-awtriċi ta' l-atturi Pauline Attard, li kienet impjegata mad-ditta konvenuta, mietet f'inċident fir-Rabat, li għalih kienet unikament responsabbli l-istess ditta konvenuta; u premess illi l-atturi b'konsegwenza diretta ta' dan l-inċident soffrew danni konsistenti f'telf ta' qliegħ ta' l-istess Pauline Attard; l-istess atturi talbu li din il-Qorti: (1) tiddikjara lill-konvenut *nomine* responsabbli għall-inċident fuq imsemmi tal-15 ta' Novembru, 1977, li b'riżultat tiegħu mietet Pauline Attard; (2) tillikwida d-danni riżultanti bl-opera ta' perit nominat; (3) tikkundanna lill-konvenut *nomine* jħallas id-danni hekk likwidati; bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-31 ta' Awissu, 1978;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

Illi d-ditta konvenuta rappreżentata mill-eċċipjent ma kellha ebda tort jew ħtija u mhi bl-ebda mod responsabbli għall-inċident imsemmi fiċ-ċitazzjoni, li ġara fir-Rabat fil-15 ta' Novembru, 1977 u li fih mietet Pauline Attard, l-awtriċi ta' l-

atturi, li kienet impjegata mad-ditta konvenuta, u li fil-ħin ta' l-inċident kienet spiċċat mix-xogħol, u għalhekk id-domandi ta' l-atturi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu riġettati bl-ispejjeż;

Illi, kuntrarjament għal dak li qegħdin jallegaw l-atturi fid-dikjarazzjoni tagħhom u kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, id-ditta konvenuta, rappreżentata mill-eċċipjenti, ma ħallsitx lill-atturi d-*damnum emergens*, iżda fuq bażi ta' turija ta' simpatija, *ex gratia* u mingħajr preġudizzju, offriet li tħallas u ħallset il-kont tal-funeral ta' l-imsemmija Pauline Attard, bl-aċċettazzjoni ta' l-atturi fuq din l-istess bażi;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-digriet li bih ġie nnominat bħala Perit l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace bl-assistenza ta' l-A.I.C. Joseph Huntingford biex ifittxu u jirrelataw dwar il-fondatezza tat-talba attriċi wara li jieħdu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u jagħmlu l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

Rat li l-imsemmija periti ppreżentaw u ħalfu r-relazzjoni tagħhom debitament, fl-udjenza ta' l-10 ta' Diċembru, 1982;

Eżaminat bir-reqqa din ir-relazzjoni, kif ukoll il-verbali tas-seduti miżmuma mill-istess periti;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Semgħet lid-difensuri u qieset in-nota ta' osservazzjonijiet

li ssottomettew;

Ikkunsidrat:

Illi din iċ-ċitazzjoni tirrigwarda inċident li ġara r-Rabat ta' Malta bejn 12.00 a.m. u 12.30 a.m. tal-15 ta' Novembru, 1977. Pauline Attard, xebba ta' 30 sena, *waitress* fil-lukanda Verdala, tbandlet ma rixtellu tal-ħadid li l-istess lukanda kellha f'bieb ġo Triq Ġdida fi Triq San Dwardu bir-riżultat li dan ir-rixtellu (li kien jinfetaħ fuq ġewwa) inqala minn mal-pilastru - ġibed miegħu biċċa mill-ħajt u lill-pilastru. Pauline Attard tgħaffġet taħt ir-rixtellu u tilfet ħajjitha dak il-ħin stess. L-atturi huma l-eredi tad-*decujus*;

Illi l-perit fuq indikat wara li nvestiga l-kwistjonijiet ta' fatt u ta' dritt involuti fil-kawża, wasal għall-konklużjoni li r-responsabbilità għall-inċident *de quo* għandha tinqasam ugwalment bejn iż-żewġ naħat għaliex minn banda l-waħda r-rixtellu u l-pilastru tiegħu kienu kostruwiti u mantenuti b'mod li kellhom il-*factor of safety* pjuttost baxx għax il-grada kienet kważi kemm kemm tibbilanċja, waqt li mill-banda l-oħra, il-mejta Pauline Attard (u l-impjegat l-ieħor imsemmi mill-perit u li mhux parti f'din il-kawża) ikkontribwit għall-inċident peress li ma kienx mistenni minnha li toqgħod titbandal mar-rixtellu. L-għaref perit legali imbagħad, għar-raġunijiet dettaljatament mogħtija fir-relazzjoni tiegħu, illikwida l-*quantum* tad-danni dovut mill-konvenut lill-atturi fis-somma komplessiva ta' Lm9,728 (disat elef, seba' mija u tmienja u għoxrin lira);

Illi minn eżami akkurat tal-provi miġbura, jidher li l-istess perit għamel apprezzament sostanzjalment tajjeb u ġust tal-provi li ressqu l-kontendenti u applika korrettement il-prinċipji ta' dritt li jirregolaw il-każ. Għalhekk, il-Qorti tagħmel tagħha l-konklużjonijiet peritali u dan għar-raġunijiet indikati fl-istess

relazzjoni li qegħdin jiġu addottati, u dana wkoll peress li s-sottomissjonijiet varji li għamlu l-abbli difensuri tal-kontendenti, fin-noti ta' osservazzjonijiet tagħhom (ara fol. 55 sa 61, 126 sa 131, 137 sa 143 u 145 sa 148), fil-kumpless tagħhom ma jwasslux biex din il-Qorti tħoss li għandha tiddipartixxi mill-imsemmija konklużjonijiet peritali;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi fis-sens li ġej u ċjoè billi tiddikjara li l-inċident *de quo* ġara b'responsabbilità ugwali tal-konvenuti *nomine* u l-awtriċi ta' l-atturi, tillikwida d-danni riżultanti mill-inċident, illi għalihom huma responsabbli l-konvenuti *nomine*, fis-somma msemmija ta' Lm9,728 u tikkundanna l-konvenuti *nomine* li jħallas lill-atturi l-imsemmija somma ta' Lm9,728 bħala danni hekk likwidati;

L-ispejjeż kollha jitħallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.